



Il-kwalità rappreżentattiva tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-imsieħba soċjali: Is-settur tal-elettriku

Sommarju eżekuttiv

Daħla

Dan l-istudju għandu l-għan li jagħti l-informazzjoni meħtieġa biex ikun inkuraġġut id-djalogu soċjali settorjali fis-settur tal-elettriku. Is-serje tal-Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO) ta' studji dwar il-kwalità rappreżentattiva, magħmula wara talba mill-Kummissjoni Ewropea, tibda biex tidentifika l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-imsieħba soċjali li għandhom ikunu kkonsultati skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-istudju, għalhekk, jidentifika l-organizzazzjonijiet nazzjonali rilevanti tal-imsieħba soċjali fis-settur tal-elettriku b'approċċ minn fuq għal isfel (billi jagħti lista tal-membri tal-affiljazzjonijiet Ewropej) u b'approċċ minn isfel għal fuq permezz tal-korrispondenti nazzjonali mill-EIRO.

L-effikaċja tad-djalogu soċjali Ewropew tiddependi mill-kwalità rappreżentattiva tal-atturi nazzjonali rilevanti tas-settur – assoċjazzjonijiet biss li jkunu rappreżentattivi biżżejjed jistgħu jkunu partijiet għad-djalogu soċjali Ewropew.

Assoċjazzjoni nazzjonali titqies bħala assoċjazzjoni ta' interess rilevanti b'rabta mas-settur jekk tissodisfa l-kriterji li ġejjin: a) il-qasam tal-assoċjazzjoni jkollu rabta mas-settur; b) l-assoċjazzjoni tkun involuta regolarment f'negozjar kollettiv b'rabta mas-settur u/jew tkun affiljata ma' assoċjazzjoni Ewropea ta' interess rilevanti.

Assoċjazzjoni Ewropea titqies li tkun assoċjazzjoni ta' interess rilevanti b'rabta mas-settur jekk tkun fil-lista tal-Kummissjoni ta' organizzazzjonijiet ta' interess li għandhom ikunu kkonsultati f'isem is-settur skont l-Artikolu 154 tat-TFUE u/jew li tipparteċipa fid-djalogu soċjali Ewropew b'rabta mas-settur u/jew tkun talbet konsultazzjoni skont l-Artikolu 154.

Definizzjoni tas-settur

Għall-fini ta' dan l-istudju, id-definizzjoni tas-settur tal-elettriku hija skont il-Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE) (Rev. 2), biex tkun żgurata l-komparabbiltà

trans-nazzjonali tas-sejbiet. B'mod aktar speċifiku, dan is-settur huwa deskritt fid-dettall fil-kodiċi 35.1 ta' NACE (ġenerazzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni tal-enerġija elettrika).

Sfond ekonomiku

Karatteristiċi tal-impjieg

Skont rapport tal-2010 mill-Kummissjoni Ewropea, is-settur tal-elettriku jimpjega aktar minn 800,000 persuna fl-Ewropa. Il-maġġoranza tal-ħaddiema fl-elettriku għandhom status ta' impjegati u jippredomina xogħol permanenti. Madwar 78 % tal-ħaddiema huma rġiel, b'69 % tal-ħaddiema jkollhom livell ta' edukazzjoni baxx jew intermedju. Id-daqs tal-intrapriża jvarja bejn il-pajjiżi. Waqt li f'xi pajjiżi, kumpanija kbira jew ftit oħra kbar jiddominaw, f'oħrajn, kumpaniji iżgħar jaqdu rwol aktar sinifikanti.

Żviluppi reċenti

Kien qed ikun hemm ristrutturar fis-settur tal-elettriku mit-tieni nofs tad-disgħinijiet, li seħħ f'salt bil-liberalizzazzjoni mill-UE ta' industriji ta' netwerks. L-ewwel passi lejn ristrutturar saru bid-Direttiva (96/92/KE) tal-1996, u wara kien hemm aktar miżuri fl-2003, u d-dispożizzjonijiet dwar il-liberalizzazzjoni tas-suq li daħlu fis-seħħ fl-2007, inkluż l-utenti aħħarin domestiċi. L-inizjattivi Ewropej reċenti l-aktar importanti għat-trasformazzjoni tas-settur tal-elettriku huma daww inklużi 'fit-tielet pakkett' tal-2009 biex ikun żviluppat u rinfurzat aktar is-suq intern għall-elettriku u l-gass, kif ukoll l-istrateġija għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) li daħlu fl-2001.

Din il-leġiżlazzjoni kellha l-għan espliċitu li tkun ta' benefiċċju għall-klijenti u tippromwovi l-impjieg f'setturi li jiddependu ħafna mill-użu tal-enerġija, permezz ta' prezzijiet aktar baxxi maħluqin minn kompetizzjoni akbar. Fl-istess waqt kien hemm tħassib li kompetizzjoni akbar kienet ser twassal għal telf ta' impjegi u kondizzjonijiet tax-xogħol ifqar f'negozji tal-enerġija. Barra dan, l-impenn tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra b'20 % jeħtieġ bidla teknoloġika maġġuri, u jqiegħed pressjoni fuq il-ħaddiema fir-rigward ta' ħtiġijiet ta' hillet.

Bidliet teknoloġiċi, bħat-tranżizzjoni għall-ġenerazzjoni tal-elettriku li jkun jeħtiġilha ħafna xogħol, u l-importanza dejjem qed tikber ta' ftit mexxejja tas-suq internazzjonali, l-espansjoni barra l-pajjiż, (u xejra ta' konsolidazzjoni fost l-utilitajiet iżgħar tal-muniċipalitajiet), wasslu wkoll għal tnaqqis drastiku fl-impjegati.

Livell nazzjonali ta' rappreżentanza ta' interess

Trejdjunjins

L-għadd ta' membri attivi ta' trejdjunjins iwarja ħafna mal-Ewropa kollha, f'firxa ta' aktar minn 2,061,198 (għal Ver.di fil-Ġermanja) għal ftit tużżani biss ta' membri ta' SYVAIK f'Ċipru. Din il-varjazzjoni konsiderevoli tirrifletti d-differenzi fid-daqs tal-ekonomija u kemm ikun komprensiv il-qasam tas-sħubija, aktar milli mill-ħila ta' reklutaġġ ta' membri.

B'kollox, kienu identifikati 113-il trejdjunjin b'rabta mas-settur li jissodisfaw il-kriterji għal inklużjoni fl-istudju tal-kwalità rappreżentattiva, li jirrifletti sistema pluralista. Unjin waħda biss b'rabta mas-settur hija reġistrata f'żewġ pajjiżi (il-Greċja u l-Latvja), tnejn f'seba' pajjiżi u tliet unjins jidhru f'żewġ pajjiżi. Madankollu 16-il pajjiż jirreġistraw erba' unjins jew aktar b'rabta mas-settur, u dan juri xenarju frammentat. F'21 minn 25 pajjiż li għandhom aktar minn trejdjunjin waħda b'rabta mas-settur, il-qasam tagħhom jikkoinċidi f'xi partijiet mal-qasam tal-oħrajn kollha jew ta' kważi kollha.

Organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu

B'kollox, kienu identifikati 48 organizzazzjoni ta' dawk li jħaddmu b'rabta mas-settur. Dawn l-organizzazzjonijiet kollha, ħlief VAEU fil-Ġermanja, huma membri ta' EURELECTRIC (VAEU hija inkluża fl-istudju għaliex tikkonkludi ftehimiet kollettivi permezz tal-assoċjazzjonijiet membri reġjonali tagħha). Tlieta minn dawn l-organizzazzjonijiet huma kumpaniji aktar milli assoċjazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu (EAC f'Ċipru, ΔEH PPC fil-Greċja u Enemalta f'Malta). Minħabba li f'dawn il-pajjiżi dawn il-kumpaniji għandhom konċentrazzjoni tal-akbar sehem tas-settur tal-elettriku, huma involuti f'negozjar kollettiv u huma affiljati mal-imsieħeb soċjali Ewropew EURELECTRIC, huma hawn jitqiesu bħala assoċjazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu.

Hemm sistema anqas frammentata għal dawk li jħaddmu. Hemm organizzazzjoni waħda biss ta' dawk li jħaddmu fi 15-il pajjiż, żewġ organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu f'seba' pajjiżi, tlieta f'żewġ pajjiżi u erbgħa fi tliet pajjiżi. F'seba' pajjiżi (l-Estonja, Spanja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit) ebda waħda mill-assoċjazzjonijiet settorjali ta' dawk li jħaddmu u li huma inklużi fl-istudju ma

huma parti għal negozjar kollettiv. Fil-Ġermanja, id-Danimarka, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Polonja, mill-anqas waħda mill-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu inklużi, mhix involuta f'negozjar kollettiv. Ġeneralment organizzazzjonijiet tan-negozju jistgħu jittrattaw ukoll interessi minbarra dawk b'rabta ma' relazzjonijiet industrijali.

Skont il-kriterji ta' għażla deskritti hawn fuq, l-organizzazzjonijiet nazzjonali kollha affiljati ma' EURELECTRIC, l-assoċjazzjoni ta' dawk li jħaddmu fil-livell tal-UE, huma inklużi fl-istudju, irrispettivament minn jekk humi involuti f'negozjar kollettiv.

Negozjar kollettiv

In-negozjar kollettiv huwa kopert relattivament sewwa fis-settur tal-elettriku. Madwar 18 mit-22 pajjiż li għandhom id-dejta disponibbli jirreġistraw li n-negozjar kollettiv ikopri aktar minn 70%. Il-bqija tal-pajjiżi li għandhom informazzjoni disponibbli jirreġistraw rata ta' negozjar kollettiv li jkopri bejn 40% u 60%.

Livell Ewropew ta' rappreżentanza ta' interess

L-organizzazzjonijiet tas-settur tal-elettriku li jidhru fil-lista tal-Kummissjoni Ewropea bħala organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali li għandhom ikunu kkonsultati skont l-Artikolu 154 tat-TFUE huma IndustriALL u EPSU (il-Federazzjoni Ewropea tal-Unjins tas-Servizz Pubbliku) li jirrappreżentaw l-impjegati u EURELECTRIC li tirrappreżenta lil dawk li jħaddmu.

IndustriALL għandha 44 affiljazzjoni diretta (39% tal-unjins identifikati fl-istudju) f'24 Stat Membru, u 43 minnhom jipparteċipaw f'negozjar kollettiv settorjali. EPSU għandha 49 affiljazzjoni diretta (44% tal-unjins identifikati fl-istudju) f'24 Stat Membru, li 48 minnhom huma involuti f'negozjar kollettiv settorjali. FI-aħħar nett, EURELECTRIC għandha 30 affiljazzjoni diretta (62% tal-organizzazzjonijiet ta' dawk li jħaddmu identifikati fl-istudju) f'27 Stat Membru, li 11 minnhom jipparteċipaw f'negozjar kollettiv settorjali.

Konklużjonijiet

Analiżi ta' approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq tas-settur tal-elettriku f'27 pajjiż studjat juru li IndustriALL u EPSU, għall-impjegati, u EURELECTRIC għal dawk li jħaddmu, għandhom jitqiesu bħala r-rappreżentanti l-aktar importanti ta' dawk li jħaddmu u ta' impjegati fl-UE kollha fis-settur tal-elettriku.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport *Il-kwalità rappreżentattiva tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-imsieħba soċjali: Settur tal-elettriku* jinsab fi <http://www.eurofound.europa.eu/eiro/studies/TN1305028S/index.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Camilla Galli da Bino, Uffiċjal tal-Infommazzjoni, fuq gdb@eurofound.europa.eu